**Ftakart fik**

Kif qiegħed hawn f'dal-jum ta' festa
Fil-ħsejjes tal-murtali fil-bogħod,
Ifaqqgħu wieħed wieħed f'festa
Anki jekk miskin il-kelb jirtgħod.

Ma nistax għażiż ħabib ninsa
Dik il-ħrara tiegħek għall-Awgusta,
Dawk għajnejk idemmgħu bl-imħabba
Għaliha, ommna, l-aktar ġusta.

Nibqa' niftakrek wisq u sewwa
Meta l-bażilika laqgħetni ,
Biex ninseġ għanja lis-Sultana
Li bi mħabba biddlittli fehmti.

U għadni narak ħabib tiegħi
Tilqagħni bid-daħka fuq fommok,
Donnok kont taf li kont ġejt għandkom
Biex infaħħar lil ommi, l'ommok.

Il-kelma ħelwa tiegħek għalija
Kienet dik li tagħtni wisq kuraġġ,
Kienet il-vleġġa li daħlitli
F'qalbi u naqxittli dak ir-raġġ.

Li ra l-qalbieni Kostantinu
Qabel issielet ma' Massenzju,
U rebaħlu rebħa tant kbira
Mingħajr it-tpatpit u b'silenzju.

Dak l-istess silenzju tal-fidi
Li int bi qlubija wisq urejt,
Fil-Kalvarju tiegħek kont tiddi
Għax salibek int b'qawwa ġarrejt!

Illum nixtieq iwa insellimlek
Ma' kull mota u salut 'nsemmik,
Int tibqa' għalija żiffa ħelwa
Int ħabibi, għalhekk ftakart fik!

Patri Mario Attard OFM Cap
18/8/2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.